**FIT - TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR**

**Gudikatur: Dr. Claudio Zammit B.A. LL.D. M. Jur (Eu. Law)**

**Seduta ta' nhar it-Tlieta, 3 t'Ottubru 2017**

**Talba Nru: 239/17 CZ**

**Perit Karl Ebejer**

**vs.**

**Lionel Gerada**

**It-Tribunal,**

Ra t-talba ta' l-attur mressqa fid-9 ta' Mejju 2017 fejn talab lit-Tribunal jikkundanna lill-konvenut ihallas l-ammont ta' tlett'elef, tliet mija u erba' Euro (€3,304), dovuti ghal

prezz ta' servizzi professjonali rezi mir-rikorrent fil-kapacita' tieghu ta' perit u arkitett, lill-intimat u fuq talba tieghu stess, hekk kif jirrizulta mill-istatement anness u mmarkat bhala Dok. A

Bl-ispejjez, inkluzi dawk ta' l-ittra ufficcjali tad-9 ta' Frar 2017 u bl-imghaxijiet legali mit-2 ta' Lulju 2015 sal-gurnata tal-pagament effettiv kontra l-konvenut li hu minn [issa] stess ingunt ghas-subizzjoni.

Ra li l-konvenut, debitament notifikat, ma pprezentax risposta u lanqas deher quddiem it-Tribunal fl-ebda seduta.

Ra l-Kapitolu li gie pprezentat mill-attur fis-seduta tas-27 ta' Settembru 2017.

Ikkunsidra l-fatt illi l-konvenut naqas li jidher sabiex jirrispondi ghall-Kapitolu. In-nota tal-mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghalhekk ghandha tittiehed bhala mistqarra.

Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz.

Ghaldaqstant, peress illi t-talba ta' l-attur tirrizulta sodisfacentement ippruvata, it-Tribunal jilqa' t-talba u jikkundanna lill-konvenut ihallas lill-attur is-somma ta' tlett'elef, tliet mija u erba' Euro (€3,304) bl-imghaxijiet legali kif mitluba sad-data tal-hlas effettiv.

L-ispejjez u drittijiet, ikunu a karigu tal-konvenut.

**Dr. Claudio Zammit**

**Gudikatur**

Mary Josette Musu'

Deputat Registratur